**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 539/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**Vs**

**Yovko Todorov Yochev**

**Illum 7 ta' Marzu 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Yovko Todorov Yovchev**, iben Todor Yovchev u Delyr Dobreva, imwieled ġewwa Kardzhali, il-Bulgarija, fis-6 ta' April 1971, u detentur tal-Passaport bin-Numru 386033995, talli nhar is-27 ta' Awwissu 2021, u fil-ġranet u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'diversi ħinijiet u f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Ikkaġuna lill-eks sieħba tiegħu u cioè Plamena Atanasova Petrova, li tiġi wkoll omm it-tifel tiegħu Yoan Yovkcov Yovchev, fastidju għal iktar minn darba u ġab ruħu b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li kien qed ikun ta' fastidju għall-eks sieħba tiegħu Plamena Atanasova Petrova u liema fastidju seħħ fil-presenza ta' l-istess minuri Yoan Yovkcov Yovchev;

2. Ikkaġuna lill-eks sieħba tiegħu u cioè Plamena Atanasova Petrova, li tiġi wkoll omm it-tifel tiegħu Yoan Yovkcov Yovchev, biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tagħha u dana fil-presenza ta' l-istess minuri Yoan Yovkcov Yovchev;

U aktar talli fit-30 ta' Lulju 2021 bejn l-10:00p.m. u 12:00p.m. (nofs il-lejl) ġewwa l-Qawra Point Hotel Complex, il-Qawra:

3. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Plamena Atanasova Petrova f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offiża ta' natura ħafifa, salv kumplikazzjonijiet, fuq l-eks sieħba tiegħu l-istess Plamena Atanasova Petrova li tiġi omm it-tifel tiegħu Yoan Yovkcov Yovchev, hekk kif iċċertifikata minn Dr. Federico Gorrieri, Med. Reg. No. 4424, mill-Isptar Mater Dei;

4. Ħebb għall-eks sieħba tiegħu Plamena Atanasova Petrova sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmlilha ħsara b'xi mod;

5. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lill-eks sieħba tiegħu Plamena Atanasova Petrova;

U aktar talli fit-23 ta' Awwissu 2021, bejn id-9:00a.m. u l-9:45a.m., ġewwa San Pawl il-Baħar:

6. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika inġurja u/jew hedded lill-eks sieħba tiegħu Plamena Atanasova Petrova bi kliem;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra Yovko Todorov Yovchev a benefiċċju ta' Plamena Atanasova Petrova u l-familjari tagħha, ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; u sabiex f'każ ta' ħtija l-Qorti: (ii) tipprovdi għall-persuna ta' Plamena Atanasova Petrova u l-familjari tagħha jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, billi flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Yovko Todorov Yovchev b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma flus li tiġi iffissata mill-Qorti ai termini ta' l-Artikoli 383 et seq tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq; (iii) minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mil-Liġi, tordna lil Yovko Todorov Yovchev iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "AM1" sa' Dok. "AM13" a fol. 10 sa' 47 tal-proċess;

Rat li l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Rat l-Ordni ta' Protezzjoni maħruġ kontra l-imputat għas-salvagwardja ta' Plamena Atanasova Petrova u ta' binha, permezz ta' Digriet datat 23 ta' Settembru 2021[2];

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Audrey Micallef mogħtija waqt is-seduti tat-2 ta' Settembru 2021[3], tas-26 ta' Settembru 2022[4] u tal-25 ta' Ottubru 2022[5] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "AM14" u Dok. "AM15" a fol. 59 u 60 tal-proċess u Dok. "AMA" u Dok "AMB" a fol. 461 sa' 464 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Plamena Atanasova Petrova mogħtija waqt is-seduti tat-2 ta' Settembru 2021[6] u tad-29 ta' Novembru 2022[7], semgħet ix-xhieda ta' Nicola Nikolov mogħtija waqt is-seduti tas-6 ta' Settembru 2021[8] u tas-16 ta' Settembru 2021[9] u x-xhieda ta' Reni Rangelova[10] u ta' Dr. Helen Caruana[11] mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Settembru 2021 u rat id-dokument esebit minn Dr. Helen Caruana markat Dok. "HC" a fol. 115 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Dr. Federico Gorrieri[12], PS2007

[1] Fol. 48 tal-proċess.
[2] Fol. 157 tal-proċess.
[3] Fol. 52 sa' 58 tal-proċess.
[4] Fol. 432 sa' 449 tal-proċess.
[5] Fol. 460 tal-proċess.
[6] Fol. 61 sa' 84 tal-proċess.
[7] Fol. 468 sa' 494 tal-proċess.
[8] Fol. 109 sa' 111 tal-proċess.
[9] Fol. 149 u 150 tal-proċess
[10] Fol. 112 u 113 tal-proċess.
[11] Fol. 114 tal-proċess.
[12] Fol. 138 u 139 tal-proċess.

Theresa Farrugia[13] u ta' PC2426 Josianne Vassallo[14], ilkoll mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Settembru 2021 u rat id-dokument esebit minn PS2007 Theresa Farrugia markat Dok. "TF" a fol. 143 u 144 tal-proċess u d-dokument esebit minn PC2426 Josianne Vassallo markat Dok. "JV" a fol. 147 u 148 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Maria Louisa Catania mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Settembru 2021[15] u x-xhieda ta' PC709 Michael Caruana mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2021[16], semgħet ix-xhieda ta' Jessica Grech Parnis mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Novembru 2021[17] u x-xhieda ta' Dr. Adrian Pace mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Jannar 2022[18], rat id-dokumenti markati Dok. "GX" u Dok. "GX1" esebiti mill-Ispettur Audrey Micallef a fol. 219 sa' 224 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Avukat Dr. Lennox Vella[19], Vinciana Vella, Risk Assessor fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ[20], u ta' PS1553 Francesco Mizzi[21], ilkoll mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Frar 2022 u rat it-traskrizzjoni ta' l-istqarrija ta' l-imputat ippreżentata minn Dr. Lennox Vella markata Dok. "LV" a fol. 247 sa' 284 tal-proċess u d-dokument esebit minn PS1553 Francesco Mizzi markat Dok. "FM" a fol. 289 sa' 293 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Valco Stojcev Valchev mogħtija waqt is-seduti ta' l-14 ta' Marzu 2022[22] u tas-7 ta' Marzu 2024 u rat it-traduzzjonijiet mħejjija minnu markati Dok. "VV" a fol 297 sa' 304 u Dok. VVX, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Tekniku Keith Cutajar mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' April 2023[23] u rat ir-Relazzjoni ppreżentata minnu markata Dok. "KC1" u Dok. "KC2" a fol. 510 sa' 1671 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Psikologu Dr. Veronica Ellul Federici mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Ġunju 2023[24] u rat ir-Rapport tagħha markat Dok. "VE" a fol. 1679 sa' 1694 tal-proċess;

Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 15 ta' Ġunju 2022[25], permezz ta' liema bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 18, 251A(a)(b)(2)(4), 222(1)(a), 202(h)(iv), 251H(a)(b)(d) u 251HA tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18, 251B, 251H(a)(b)(d), 251HA, 202(h)(iv) u 202(i) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18, 214 u 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 49(a)(b)(ċ) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 386, 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li fis-seduta ta' l-20 ta' Ġunju 2022, il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq u rat li l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja; Inqraw l-Artikoli[26];

---

[13] Fol. 140 sa' 142 tal-proċess.
[14] Fol. 145 u 146 tal-proċess.
[15] Fol. 154 sa' 156 tal-proċess.
[16] Fol. 174 u 175 tal-proċess.
[17] Fol. 177 sa' 180 tal-proċess.
[18] Fol. 213 sa' 218 tal-proċess.
[19] Fol. 247a tal-proċess.
[20] Fol. 285 u 286 tal-proċess.
[21] Fol. 287 u 288 tal-proċess.
[22] Fol. 295 u 296 tal-proċess.
[23] Fol. 507 sa' 509 tal-proċess.
[24] Fol. 1673 sa' 1678 tal-proċess.
[25] Fol. 327 u 328 tal-proċess.
[26] Fol. 331 tal-proċess.

Semgħet ix-xhieda ta' Plamena Atanasova Petrova mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Frar 2024[27] fejn iddikjarat li trid li l-proċeduri fil-konfront ta' l-imputat jitwaqqfu, u semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Audrey Micallef ukoll mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Frar 2024[28];

Rat li in vista tat-talba ta' Plamena Atanasova Petrova sabiex il-proċeduri odjerni fil-konfront ta' l-imputat jitwaqqfu, l-istess proċeduri tħallew għad-deċiżjoni relattiva;

Rat l-Artikolu 543(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar is-27 ta' Awwissu 2021, u fil-ġranet u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'diversi ħinijiet u f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) ikkaġuna lill-eks sieħba tiegħu u cioè Plamena Atanasova Petrova, li tiġi wkoll omm it-tifel tiegħu Yoan Yovkcov Yovchev, fastidju għal iktar minn darba u ġab ruħu b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li kien qed ikun ta' fastidju għall-eks sieħba tiegħu Plamena Atanasova Petrova u liema fastidju seħħ fil-presenza ta' l-istess minuri Yoan Yovkcov Yovchev; (2) ikkaġuna lill-eks sieħba tiegħu u cioè Plamena Atanasova Petrova, li tiġi wkoll omm it-tifel tiegħu Yoan Yovkcov Yovchev, biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tagħha u dana fil-presenza ta' l-istess minuri Yoan Yovkcov Yovchev; U aktar talli fit-30 ta' Lulju 2021 bejn l-10:00p.m. u 12:00p.m. (nofs il-lejl) ġewwa l-Qawra Point Hotel Complex, il-Qawra: (3) mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Plamena Atanasova Petrova f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offiża ta' natura ħafifa, salv kumplikazzjonijiet, fuq l-eks sieħba tiegħu l-istess Plamena Atanasova Petrova li tiġi omm it-tifel tiegħu Yoan Yovkcov Yovchev, hekk kif iċċertifikata minn Dr. Federico Gorrieri, Med. Reg. No. 4424, mill-Isptar Mater Dei; (4) ħebb għall-eks sieħba tiegħu Plamena Atanasova Petrova sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmlilha ħsara b'xi mod; (5) insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lill-eks sieħba tiegħu Plamena Atanasova Petrova; U aktar talli fit-23 ta' Awwissu 2021, bejn id-9:00a.m. u l-9:45a.m., ġewwa San Pawl il-Baħar: (6) permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika inġurja u/jew hedded lill-eks sieħba tiegħu Plamena Atanasova Petrova bi kliem.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Permezz ta' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 15 ta' Ġunju 2022[29], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 18, 251A(a)(b)(2)(4), 222(1)(a), 202(h)(iv), 251H(a)(b)(d) u 251HA tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18, 251B, 251H(a)(b)(d), 251HA, 202(h)(iv) u 202(i) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[27] Fol. 1732 sa' 1734 tal-proċess.
[28] Fol. 1735 u 1736 tal-proċess.
[29] Fol. 327 u 328 tal-proċess.

- Fl-Artikoli 18, 214 u 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 49(a)(b)(ċ) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 386, 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fi stadju inoltrat tal-proċeduri, senjatament waqt is-seduta tat-22 ta' Frar 2024, l-allegata vittma Plamena Atanasova Petrova talbet biex il-proċeduri fil-konfront ta' l-imputat jitwaqqfu. Iddikjarat li tali talba kienet qed issir minnha b'mod volontarju u mingħajr ħadd ma ġegħelha u in oltre ddikjarat li bejna u bejn l-imputat ma kienx hemm iktar problemi u li anke r-relazzjonijiet bejn l-imputat u binhom komuni tjiebu ħafna tant li jitkellmu kważi kuljum u jiltaqgħu kważi kull ġimgħa[30].

L-Ispettur Audrey Micallef ukoll iddikjarat li minn dakinhar li sar ir-rapport minn Plamena Atanasova Petrova fil-konfront ta' l-imputat in kwantu rigwarda ċ-ċirkostanzi mertu ta' l-imputazzjonijiet mertu ta' dawn il-proċeduri, ma kienx hemm iktar rapporti da parte tagħha fil-konfront tiegħu. Iddikjarat ukoll li lanqas l-imputat ma ressaq ebda rapport fil-konfront ta' l-imsemmija Plamena Atanasova Petrova.

In vista tad-dikjarazzjoni avvanzata minn Plamena Atanasova Petrova waqt is-seduta tat-22 ta' Frar 2024, din il-Qorti neċessarjament għandha tikkonsidra dak provdut fl-Artikolu 543(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-imsemmi provvediment tal-Liġi jipprovdi li: *Il-pulizija tista' taġixxi, ukoll mingħajr il-kwerela privata, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin: ... (e) fil-każ ta' xi reat li jinvolvi vjolenza domestika. Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "vjolenza domestika" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Vjolenza abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika: Iżda wkoll għandu jkun legali li, wara li jkunu nbdew proċeduri fil-qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu għal reat imsemmi f'dan il-paragrafu, vittma allegata ta' reat li jinvolvi vjolenza domestika tista' titlob lill-Qorti li twaqqaf il-proċeduri kontra l-awtur allegat u meta ssir talba bħal dik il-qorti tista' tiddeċiedi u tordna li l-proċeduri kontra l-awtur allegat jitkomplew, filwaqt li tingħata konsiderazzjoni partikolari għall-aħjar interessi tal-kwerelant, tal-minuri involuti, u xi terzi relevanti, u għandha tordna li dik it-talba u deċiżjoni jiġu reġistrati fl-inkartamenti tal-każ.*

Ai termini ta' l-Artikolu 2 tal-Kap.581 tal-Liġijiet ta' Malta *"vjolenza domestika" tfisser kull att jew ommissjoni li tinvolvi l-użu ta' vjolenza verbali, fiżika, sesswali, psikoloġika jew ekonomika li tirriżulta fi ħsara jew tbatija fiżika u jew morali, inkluż it-theddid ta' dak l-att jew ommissjoni, sfurzar, jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, li isseħħ fi ħdan familja jew unità domestika, kemm jekk l-awtur tar-reat jgħix jew kien jgħix fl-istess residenza mal-vittma jew le, u għandha tinkludi wkoll tfal li jkunu xhud ta' vjolenza fi ħdan il-familja jew unità domestika.*

Dejjem ai termini ta' l-Artikolu 2 tal-Kap.581 tal-Liġijiet ta' Malta *"familja jew unità domestika" tinkludi: (a) konjuġi, imsieħba f'unjoni ċivili jew koabitanti attwali jew passati; (b) persuni li jgħixu fl-istess dar ma' l-awtur tar-reat jew li kienu jgħixu miegħu fi żmien tliet snin qabel l-okkorrenza tar-reat; (ċ) persuni li ż-żwieġ tagħhom ġie xolt jew dikjarat null; (d) axxendent jew dixxendent; (e) adulti oħrajn li jgħixu fl-istess dar; (f) persuni f'relazzjoni informali, li huma jew li kienu qegħdin jiffrekwentaw*

[30] Xhieda mogħtija minn Plamena Atanasova Petrova waqt is-seduta tat-22 ta' Frar 2024, fol. 1732 sa' 1734 tal-proċess.

*lil xulxin; (g) persuni li huma jew kienu formalment jew informalment għarajjes lil xulxin bil-għan li jidħlu fi żwieġ jew unjoni ċivili; (h) persuni li huma relatati ma' xulxin mid-demm jew miż-żwieġ sat-tielet grad inklużivament; (i) persuni li għandhom jew kellhom wild in komuni.*

Meta l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat u l-fatti tal-każ jiġu ikkunsidrati fid-dawl tal-provvedimenti ta' l-Artikolu 2 tal-Kap. 581 tal-Liġijiet ta' Malta, jirriżulta immedjament evidenti li r-reati a dannu ta' Plamena Atanasova Petrova li bihom qed jiġi mixli l-imputat, huma reati li jinvolvu vjolenza domestika ai termini tal-Liġi. In effetti jirriżulta li l-imputat u Plamena Atanasova Petrova kienu f'relazzjoni bejniethom u għandhom wild in komuni.

Għal dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni u konsegwenti applikazzjoni ta' l-Artikolu 543 (e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Norman Cascun, Appell Nru. 233/19**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-12 ta' Diċembru 2019, fejn ġie osservat illi: *l-Artikolu 543 tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi sitwazzjoni fejn il-kontinwazzjoni ta l-azzjoni kriminali mibdija ex officio, (a prescindere mill-fatt jekk ir-reat li jinvolvi vjolenza domestika jkunx wieħed minn dawk li jeħtieġu l-kwerela tal-parti offiża jew le - stante li l-Liġi hija siekta fuq dan) tista tiġi mitmuma fuq deċiżjoni tal-vittma. Hawnhekk il-leġislatur ried li jintroduċi kwalifika għar-regola li azzjoni kriminali istitwita ex officio tibqa miexja indipendentement mir-reċess jew remissjoni tal-parti privata sabiex fil-każijiet ta vjolenza domestika jissalvagwardja l-interessi supremi tar-relazzjonijiet familjari (forsi biex jipprova jsalva dak li hu salvabbli u ma jkunx hemm attrit jew peġġjorament tar-relazzjonijiet interpersonali bejn membri tal-familja li fl-aħħar mill-aħħar ikunu jridu jibqgħu jgħixu flimkien taħt l-istess saqaf jew iżommu l-kuntest domestiku ta bejniethom). Hawnhekk allura l-Liġi trid li tipprevali il-Grazzja fuq il-Ġustizzja fl-interess suprem tal-ħajja domestika u l-importanza li din għandha fil-kuntest soċjali tal-pajjiż. Iżda l-Qorti hija akkordata, per via eccezionale, u fil-każijiet appositi, id-diskrezzjoni li tmur kontra din ix-xewqa tal-vittma u tordna li l-proċeduri kontra l-awtur allegat jitkomplew. Fil-fehma tal-Qorti però l-enfasi tal-Liġi f dan il-proviso qiegħed fuq l-għażla tal-vittma aktar milli fuq id-diskrezzjoni tal-Qorti.*

Għalkemm fil-każ in eżami r-reati li bihom qed jiġi mixli l-imputat f'dawn il-proċeduri u l-fatti ċirkondanti l-istess ma jistgħux u ma għandhomx jiġu ikkunsidrati bħala insinjifikanti, mix-xhieda ta' Plamena Atanasova Petrova waqt is-seduta tat-22 ta' Frar 2024, jirriżulta li llum, a distanza ta' ċertu żmien minn meta seħħew l-allegati fatti mertu ta' dawn il-proċeduri, is-sitwazzjoni ta' bejniethom ikkalmat u, anke kif iddikjarat l-Ispettur Audrey Micallef, ma kienx hemm iktar inċidenti bejniethom u konsegwenti rapporti lill-Pulizija. Mhux hekk biss, talli r-relazzjonijiet bejn l-imputat u ibnu, wild in komuni ma' Plamena Atanasova Petrova, tjiebu tant li jitkellmu kważi kuljum u jiltaqgħu kważi kull ġimgħa. Hawn għalhekk, kif ingħad fis-sentenza appena ċitata għandha *tipprevali il-Grazzja fuq il-Ġustizzja fl-interess suprem tal-ħajja domestika u l-importanza li din għandha fil-kuntest soċjali tal-pajjiż.*

Għal dawn ir-raġunijiet għalhekk, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 543(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, in partikolari t-tieni proviso ta' l-istess, u l-Artikolu 2 tal-Kap.581 tal-Liġijiet ta' Malta, tilqa' t-talba ta' Plamena Atanasova Petrova sabiex il-proċeduri kontra l-imputat jiġu mwaqqfa u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni

ulterjuri ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront ta' l-imputat b'dawn il-proċeduri.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**